Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,534, 22 ta' Diċembru, 2020
Taqsima B

A.L. 470 tal-2020

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Ordni tal-2020 dwar l-Għeluq tar-Reġistru Pubbliku

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni huwa l-Ordni tal-2020 dwar l-Għeluq tar-Reġistru Pubbliku.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fis-16 ta' Novembru, 2020.

Tifsir.

2. F'dan l-ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Reġistru Pubbliku" tfisser l-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku f'Malta miftuħ għall-iskrizzjonijiet tal-kawżi ta' preferenza bejn il-krediturі, għall-insinwa tal-atti li biex ikunu jiswew quddiem it-terzi għandhom ikunu iskritti, u għal kull iskrizzjoni oħra li trid il-liġi;

"Suprintendent" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fl-Att dwar is-Saħħa Pubblika. Kap. 465.

Għeluq tar-Reġistru Pubbliku.

3. Is-Suprintendent b'dan tordna l-għeluq tas-Sezzjoni Legali fi ħdan ir-Reġistru Pubbliku, liema ordni għandu jibqa' fis-seħħ sat-23 ta' Novembru tas-sena 2020, b'dana li noti ta' iskrizzjoni ta' kawżi ta' preferenza bejn krediturі, noti ta' riferenza, u noti ta' insinwa ta' atti jerġgħu jibdew jiġu milqugħa f'din is-sezzjoni fl-24 ta' Novembru tas-sena 2020. B'dan illi it-termini kollha għar-reġistrazzjoni ta' tali noti, hekk kif joħorġu minn kwalsiasi liġi għandhom ikunu meqjusa bħala sospiżi fi żmien li se tkun magħluqa din is-sezzjoni u jerġgħu jibdew jiddekorru għat-termini li jkun fadal mill-24 ta' Novembru tas-sena 2020:

Iżda r-Reġistru Pubbliku ser jibqa' miftuħ għall-każijiet li għandhom x'jaqsmu ma' sentenzi jew digrieti mogħtija mill-qrati tal-ġustizzja.